MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 232/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Luju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici A u l-konvenut B zzewwgu fl-10 ta' Mejju 2003, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn taht anness u mmarkat bhala DOK. ASD;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dfrii ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Li ghalhekk iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti kien null invalidu skond il-ligi;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta’ bejn il-partijiet null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Dicembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-10 ta' Mejju, 2003 a bazi tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut baqa' kontumacji ghalkemm ippresenta affidavit fejn bazikament qabel mat-talba izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikolu citat mill-attrici jirrigwardja;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizultaw zewg affarijiet importanti f'dan ir-rigward u cioe' li l-konvenut ghalkemm ta' eta' zghira kellu zewgt itfal minn relazzjoni precedenti; ghalhekk ma riedx ikollu izjed tfal u l-attrici accettat ghax hasbet li dan ma kienx se jkun importanti ghalihom. Kif gie anke ritenut minn din il-Qorti fil-kawza Anna Galea vs John Walsh deciza fis-sena 1995, il-fatt li anke parti wahda tkun eskludiet li jkollhom tfal huwa bizzejjed biex irendi z-zwieg null. Il-Qorti jidrilha illi hemm bizzejjed provi li z-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tas-subartikoli kollha citati.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-10 ta’ Mejju, 2003. L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------